# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**B.A., LL.D., DIP. TRIB. ECCLES. MELIT.**

**Rikors Maħluf Nru: 1084/2017**

**CARMEN ŻAMMIT**

**VS.**

**DR. PAUL PORTELLI U DR. ANNA MARIA PORTELLI**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet li qed jingħata wara rikors imressaq minn Carmen Żammit fis-**17 ta' Mejju, 2021**, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti sabiex tieħu ħsieb iż-żamma kif jixraq ta' tliet dokumenti oriġinali mmarkati bħala **Dok. MC1, MC2** u **MC3** li ġew ippreżentati minnha, *animo ritirandi,* dakinhar tas-seduta tat-28 ta' Mejju, 2018 (ara paġni 57 u 58 tal-atti);

2. Il-Qorti tqis li l-liġi tgħid fl-**artikolu 63 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li r-reġistratur huwa responsabbli għat-telf, mutilazzjoni jew tibdil f'att jew dokument ippreżentat fir-reġistru, kif ukoll għad-dewmien fit-tmexxija ta' dak l-att jew dokument. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din ir-responsabblità tgħodd kemm meta l-att jiġi ppreżentat lir-reġistratur waqt is-smigħ tal-

kawża u sew meta l-att jiġi ppreżentat fir-reġistru waqt il-perijodu tad-differiment. Wieħed jifhem li meta deputat reġistratur ikun qiegħed jilqa' atti *seduta stante*, dan ikun qiegħed jagħmlu bħala estensjoni tar-reġistru;

3. Terġa' u tgħid, dan l-aħħar il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Franco Buttiġieġ pro et noe vs. Avukat Ġenerali et***, mogħtija fit-28 ta' April, 2021, għamlitha ċara ħafna f'azzjoni kostituzzjonali dwar telf ta' proċessi ġudizzjarji li,

   *«Il-proċessi tal-kawżi jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tar-Reġistratur u għandu d-dmir li jiżgura li dan ikun disponibbli għall-Qorti u l-partijet. L-arranġamenti u miżuri li hemm bżonn li jittieħdu f'dak ir-rigward huma r-responsabbiltà tiegħu.»*

4. Ifisser għalhekk li bi tweġiba għat-talba tar-rikorrenti, jingħad li mhuwiex l-irwol ta' din il-Qorti li tieħu ħsieb il-kustodja tal-proċessi tal-kawżi li huma assenjati lilha. Tali dmir ta' kustodja u preservazzjoni jaqa' f'ħoġor ir-reġistratur;

5. Madankollu biex ma jingħadx li din il-Qorti ma tatx widen għar-rikors ta' Carmen Żammit, hija ser tagħti direttiva lid-deputat reġistratur sabiex jieħu ħsieb li d-dokumenti **Dok. MC1, MC2** u **MC3** jibqgħu fis-sigrieta tal-Qorti u li joqgħod attent li dawn ma jintilfux jew jiġu mċaqalqa ma' karti oħra;

6. Fl-aħħarnett, din il-Qorti tixtieq isserraħ moħħ ir-rikorrenti li sal-lum id-dokumenti **Dok. MC1, MC2** u **MC3** jinsabu fis-sigrieta għaliex l-Imħallef sedenti rahom b'għajnejh stess qabel ma' kiteb dan id-digriet;

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti qiegħda b'riferenza għar-rikors tas-17 ta' Mejju, 2021, tordna lid-deputat reġistratur assenjat ma' din il-Qorti sabiex jieħu ħsieb

iżomm **Dok. MC1, MC2** u **MC3** fis-sigrieta tal-Qorti, b'aċċess biss lill-partijiet u lill-avukati tagħhom, hekk kif kien ġie ordnat fil-verbal tat-28 ta' Mejju, 2018;

Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din id-digriet jiġi mgħoddi elettronikament lir-reġistratur tal-Qorti u lill-avukati Patrick Galea, Anna Maria Portelli u Albert Libreri.

**Digriet kamerali mogħti llum, nhar l-Erbgħa, 19 ta' Mejju, 2021.**

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**